

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-17 ta' April 2013

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi għas-sena finanzjarja 2011

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi għas-sena finanzjarja 2011,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi għas-sena finanzjarja 2011, flimkien mat-tweġibiet tal-Korp ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2013 (05753/2013 — C7-0041/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Uffiċċju ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0066/2013),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi ("il-Korp") għas-sena finanzjarja 2011 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,
- B. billi skont id-Deċiżjoni Nru 2010/349/UE meħuda bi ftehim komuni bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri fil-31 ta' Mejju 2010 dwar il-post tas-sede tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) ⁽⁶⁾, l-Uffiċċju tal-BEREC ("l-Uffiċċju") jinsab f'Riga, fil-Latvja; billi l-Uffiċċju ffirmat l-ftehim dwar is-sede tiegħu fl-24 ta' Frar 2011, sar kompletament funzjonali matul l-2011 u ġie mogħti l-awtonomija finanzjarja fit-12 ta' Settembru 2011,
- C. billi l-baġit totali tal-Korp għas-sena finanzjarja 2011 ta' EUR 1 178 785,60, ġie kompletament iffanzjat minn kontribuzzjoni tal-Unjoni ⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 388, 15.12.2012, p. 8.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 337, 18.12.2009, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ ĠU L 156, 23.6.2010, p. 12.

⁽⁷⁾ Kontijiet annwali finali għall-2011 tal-Uffiċċju tal-BEREC, p. 29.

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Ifakkar li l-kontribut inizjali tal-Unjoni għall-baġit tal-Uffiċċju għall-2011 kien jammonta għal EUR 1 178 785,60; jinnota li din kienet l-ewwel sena li l-Uffiċċju kien finanzjarjament awtonomu;
2. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-baġit tal-Uffiċċju għall-2011, adottat mill-Kumitat ta' Ġestjoni, żvela approprjazzjonijiet biss skont it-Titoli u l-Kapitoli u ma kienx maqsum f'artikoli u f'punti, u li dik is-sitwazzjoni għaldaqstant tmur kontra l-prinċipju tal-ispeċifikazzjoni; jinnota t-tweġiba tal-Uffiċċju li l-baġit tiegħu għall-2012 diġà huwa maqsum f'artikoli u punti;
3. Josserva mill-kontijiet annwali tal-Uffiċċju li l-appropriazzjonijiet kienu impenjati b'rata ta' 63,4 %, filwaqt li l-pagamenti laħqu l-livell ta' 70,1 % tal-appropriazzjonijiet totali mmaniġġjati (jew 44,5 % tal-appropriazzjonijiet disponibbli);

L-appropriazzjonijiet riportati

4. Jinnota bi tħassib li l-Qorti tal-Awdituri identifikat 21 każ, b'valur totali ta' EUR 94 120, fejn l-appropriazzjonijiet riportati għall-2012 ma kinux jikkorrispondu mal-impenji legali u li għalhekk daww ir-riporti kienu irregolari;
5. Jaċċetta l-ispejgazzjoni tal-Uffiċċju li l-fażi tal-bidu għamlitha diffiċli biex ir-riporti jitbassru b'mod korrett u li bħalissa qed isir segwitu b'monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-baġit; jinnota l-kumment tal-Uffiċċju li l-istruzzjonijiet kellhom jingħataw fl-aħħar tal-2012 u li l-informazzjoni rilevanti kellha tingħabar mill-unitajiet sabiex jiġu diżimpenjati l-impenji mhux użati; jistieden lill-Uffiċċju biex jirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar jekk dan kienx il-każ;

L-istandards ta' kontroll intern

6. Jiġbed l-attenzjoni tal-Uffiċċju għall-osservazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-Uffiċċju ma kienx adotta u implimenta l-istandards ta' kontroll intern (ICS), u b'mod notevoli, ma ġie introdott l-ebda reġistru ċentrali tal-fatturi u l-ebda reġistru tal-eċċezzjonijiet;
7. Jieħu nota tal-istqarrija tal-Uffiċċju li l-pjan attwali ta' implimentazzjoni għall-ICS jinvolvi d-definizzjoni tad-dati ta' skadenza b'rabta mal-implimentazzjoni għall-istandards differenti minn Novembru 2011 sa Jannar 2013; jinnota li r-reġistrazzjoni tal-fatturi u r-reġistrazzjoni tal-eċċezzjonijiet ġew implimentati mit-18 ta' Ġunju 2012 b'impatt fuq ir-reġistrazzjonijiet ulterjuri fl-2012 u li bħalissa qed issir it-twejġija tal-istruzzjonijiet amministrattivi rilevanti; jistieden lill-Uffiċċju biex jirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-progress li sar fuq dawn il-kwistjonijiet;

Il-proċeduri ta' reklutaġġ

8. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li hemm il-ħtieġa li titjeb it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ; jinnota t-tweġiba tal-Uffiċċju li f'Ġunju 2012, aġġorna l-Linji Gwida tiegħu għall-proċeduri ta' reklutaġġ sabiex jindirizza s-sejbiet tal-Qorti; jistieden lill-Uffiċċju sabiex isegwi din il-kwistjoni u jirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-azzjonijiet meħuda; iqis li wħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal jistgħu jkunu ta' piż amministrattiv kunsiderevoli; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni tippermetti ċertu livell ta' simplifikazzjoni skont l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-aġenziji;
9. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2013 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0134 (Ara paġna 374 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali)